MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 3/2005

**Mario Spagnol**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Mario Spagnol fejn gie premess:-

Illi huwa kien tressaq ma' ohrajn quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat talli fl-20 ta' Jannar 2002 huwa ikkometta numru reati bi ksur tar-regolamenti tal-kacca u nsib ghall-liema

imputazzjonijiet l-esponent kien inizzjalment wiegeb li huwa ma' kienx hati taghhom;

Illi fil-kors tas-smiegh tal-provi quddiem il-Qorti u fil-mori tal-istess kawza id-difensur tal-esponent flimkien mal-ufficjal prosekutur kienu bdew xi diskussjonijiet dwar il-possibilita' ta' patteggjament dwar piena;

Illi dwar il-possibilita li jintlahaq ftehim dwar pattegjament gie ifnurmat il-Magistrat sedenti;

Illi kien ghalhekk li bi ftehim bejn il-partijiet in effetti saru diskussjoinijiet dwar il-possibbli pattegjament proprju quddiem il-Magistrat sedenti li kien huwa stess illi issuggerixxa illi f'kaz ta' ammissjoni da parti tal-esponent il-piena li kellha tigi nflitta kellha tkun wahda pekunjarja u mhux ta' prigunerija. Kien fl' sfond ta' dan il-ftehim illi l-esponent ammetta ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li l-kawza giet imhollija ghas-sentenza;

Illi nonostante dak hawn suespost b'sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, l-esponent gie dikjarat hati tal-imputazzjonijiet u gie kkundannat ghall-sitt xhur prigunerija oltre l-konfiska ta' opra tal-bahar propjeta tal-esponent u s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca tieghu ghall-zmien hames snin;

Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn tali sentenza u interpona appell mill-istess fejn l-aggravju ewlieni tieghu kien illi l-Qorti tal-Magistrati kienet iddipartiet ghal kollox mill-ftehmin raggunt dwar il-kwalita' tal-piena f'kaz ta' ammissjoni tal-esponent u dan b' sorpriza u pregudizzju enormi ghall-esponent;

Illi fil-mori ta' dan l-appell il-Qorti tal-Appell Kriminali awtorizzat u ordnat l-ingunzzjoni tal-Ispettur tal-Puluzija li kien ikkonduca l-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti sabiex dan jiddeponi dwar il-kwistjoni tal-patteggjament li sar quddiem il-Qorti tal-Magistrati;

Illi tabilhaqq l-Ispettur tal-Puluzija ikkonferma bis-shih fix-xhieda tieghu illi id-diskussjonijiet dwar pattegjament kienu saru quddiem il-Magistrat sedenti u li kien effettivament l-istess Magistrat li kien issugerizza illi f'kaz ta' ammissjoni da parti tal-esponent il-piena li kienet ser tigi nflitta kienet ser tkun wahda pekunjarja;

Illi b'sentenza tas-6 ta' Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell interpost mill-esponent u ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fl-interita' taghha gahr-ragunijiet hemm migjuba fl-istess sentenza;

Illi l-esponent bid-dovut rigward ihoss illi huwa gie zvijat meta wara li huwa kien inghata impressjoni mill-Magistrat sedenti illi f'kaz li huwa jammetti il-piena li kellha tigi fuqu nflitta kellha tkun wahda ta' natura pekunjajrja huwa inghata piena ta' xorta ohra u cioe' prigunerija effettiva u dan a bazi tal-istess ammissjoni tieghu li kienet giet registrata minnu kif hawn suespost;

Illi fil-fehma tal-esponent dan kollha jikkreja sitwazzjoni fejn huwa gie lez mid-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq minn qorti independenti u imparzjali kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem;

Illi l-lanjanza odjerna mqanqla mill-esponent hija wahda triplici fis-sens illi huwa jhoss illi:

- Is-smiegh tal-kawza tieghu ma' kienx wiehed xieraq fit-termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja;

- Bil-mod kif sehhew l-affarijiet tul l-iter processwali quddiem il-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali huwa gie zvestit mill-presunzzjoni tal-innocenza tieghu;

- Ghal-istess ragunijiet huwa gie negat mid-dritt ta' non-awtoinkolpazzjoni peress illi huwa ammetta biss wara li kien inghata 'a level of certainty' dwar x' kellhom ikunu il-

konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu ghal dak li jikkoncerna il-piena li kienet ser tigi fuqu nflitta;

Illi ghalhekk l-esponent qieghed jirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex wara li jigi trattat dan ir-rikors u jsiru amplifikazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt dwar is-suespost huwa jinghata rimedju ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li din il-Qorti, prevja li taghmel id-dikjarazzjoni kollha opportuni:

1. tiddikjara illi fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur A. Miruzzi) vs Mario Spagnol et" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-14 ta' Ottubru 2004 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 217/2004) b'sentenza tas-6 ta' Jannar 2005, sehhet vjolazzjoni tad-dritt tal-esponent ghall-smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali u dan bi ksur tal-Artikolu 39 (1)(5) u (10) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

2. taghti dawk ir-rimedji kollha xierqa ghal tali vjolazzjoni nkluz izda mhux biss li (i) tordna l-iskarcerazzjoni immedjata tal-esponent u/jew (ii) tiddikjara bhala nulli ghall-finijiet kollha tal-Ligi id-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Ottubru 2004 u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 217/2004) tas-6 ta' Jannar 2005, u dan apparti r-rimedji l-ohra kollha li din il-Qorti thoss opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Rat ir-risposta ta' l-intimat l-Avukat Generali fejn gie sottomess:-

Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent kellu mezzi ohrajn ta' rimedju quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjon ordinarja, u ghalhekk huwa indikat li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha;

Fit-tieni lok, ir-rikorrent ma jistax jippretendi li jwahhal il-htija fuq l-esponent u fuq is-sistema gudizzjarja talli l-aspettattivi ta’ l-istess rikorrent ghar-rigward tas-sentenza mixtieqa minnu ma gewx milhuqa, meta tali aspettattivi ma hax hsieb jirradikahom f’ bazi konkreta u skond il-ligi;

Illi dan qed jinghad peress illi il-‘ftehim’ li allegatament sar mal-Magistrat fl-ewwel istanza, jekk kien hemm ftehim, kien wiehed informali u ghalhekk ma ghandu ebda sahha f’ghajnejn il-ligi. Kien ghalhekk ‘ftehim’ li, jinghad x’jinghad, ma seta’ qatt jitwettaq jekk mhux fid-diskrezzjoni tal-Magistrat u kull min seta’ dahal ghal dan l-allegat ftehim bilfors li kellu jkun dahal ghalih konxju mill-fatt li dak li seta’ jigi miftiehem ma kien ftehim xejn, ghax ma jorbot b’ ebda mod legalment;

Infatti, huwa inawdit illi Magistrat jigi attribwit lilu illi intrabat b’xi kuntratt dwar il-mod kif se jaghti sentenza peress illi l-awtorita’ gudizzjarja ma tistax tigi limitata bi ftehim;

Ir-rikorrent b’ebda mod ma seta’ jinforza tali ‘ftehim’ u ghalhekk, meta huwa ghazel li jimxi skond l-istess, bilfors li kellu jkun konxju li qed jiehu riskju. Ara kieku l-allegat ftehim gie registrat fl-atti, hemmhekk kien ikun hemm obbligu fuq il-Qorti ta’ l-Ewwel Istanza u Qrati ohrajn susegwenti li josservawh. Izda dan ma sehhx;

Tant m’huwiex attendibbli dak illi jsir f’ambitu ta’ barra l-Qorti illi fil-fatt, kif tajjeb osservat il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, l-istituzzjonalizzar tal-patteggjament dwar il-piena permezz ta’ l-Att III ta’ l-2002 kien potenzjalment intiz minhabba li l-legizlatur hass il-bzonn li din il-mizura tigi hekk konkretizzata sabiex potenzjalment jigu evitati sitwazzjonijiet bhall dik prezenti;

Tant hu hekk illi kif tajjeb tosserva l-Qorti “Fil-prattika, kemm ilha li dahlet in vigore din id-dispozizzjoni gdida, il-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta’ rikors jew nota … w li kull diskussjoni dwar it-talba ssir ‘in open court” u dan sabiex fi kliem l-istess Qorti “titnehha kull ombra ta’ suspett li l-affarijiet mhux qed isiru

fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t'abbuz possibli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involluti, jew xi hadd minnhom";
Minhabba s-siwi tan-norma li kull patteggjament isisr "in open Court", anki f'kazijiet fejn dan mhux espressament kontemplat bil-ligi, l-istess qorti ta' l-Appell Kriminali kompliet telabora illi "fil-fehma ta' din il-Qorti, kull trattattiva dwar il-piena quddiem il-Qrati l-ohra ta' gurisdizzjoni Kriminali … trid issir jew in open Court u/jew permezz ta' atti gudizzjarji registrati w meta ma jsirx dan, ebda parti m' ghandha mbaghad tilmenta minn xi sorpriza jew addirittura xi ingustizzja quddiem Qorti ta' revizjoni";

Dwar dan il-punt ghandu jigi imfakkar li skond ma xehed l-Ispettur Alexander Miruzzi, li kien gie prodott fl-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, saret biss <u>diskussjoni bejn il-partijiet</u> dwar il-possibilita' ta' ammissjoni u il-pieni relattivi. Minkejja li l-Ispettur Miruzzi jiftakar li kieni l-Magistrat li "kien issuggerixxa li fir-rigward ta' … Mario Spagnol il-piena kellha tkun wahda pekunjarja bejn hames mija u elf lira w mhux wahda karcerarja", xorta jibqa' l-fatt li d-diskussjoni li svolgiet bejn in-nahat involuti qatt ma giet ifformalizzata f'ezitu konkret permezz tal-verbalizzazzjoni u ghalhekk wiehed ma jistax jassumi li l-imsemmija diskussjoni informali kienet tikkostitwixxi ftehim;

Fi kwalunkwe kaz, l-ammissjoni tar-rikorrent kienet wahda volontarja u stante n-natura in flagrante tad-delitt, difficilment jista' jinghat illi din biddlet l-ezitu finali ta' l-agir tar-rikorrent, li hekk jew hekk kien xorta se jirrizulta effettivament pruvat kieku dik l-ammissjoni ma saritx. Ta' dan ir-rikorrent jista' jlum biss lilu nnifsu talli, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, "ma jridx jitghallem li anki fl-isport tal-kacca – meta tkun licenzjat – hemm regoli w ligijiet li jiridu jigu osservati w obbduti u mhux sfidati b' mod regolari f' wicc kulhadd kif gara b' mod sfaccat f' dan il-kaz";

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess ukoll illi la darba l-aspetti kollha ta' fatt u ta' dritt involuti fil-kawza inghataw smiegh mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li dwar l-operat taghha ir-rikorrent m' hu

qieghed jaghmel ebda ilment, kull difett li seta' talvolta kien hemm (u l-esponent ma jaqbilx li kien hemm) fl-ewwel sentenza gie sanat bl-ghoti ta' smiegh regolari fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fil-fatt, dik il-qorti, wara ezami akkurat tac-cirkostanza kollha, kienet ikkonkludiet li s-sentenza in kwistjoni kienet "altru milli gusta";

Illi ghalhekk kif jidher car mis-suespost m'huwiex minnu li r-rikorrent inkisrulu d-drittijiet sanciti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-kaz odjern, l-esponent inghata "smiegh xieraq f' gheluq zmien ragonevoli, minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi" u ebda wiehed mill-provedimenti taz-zewg artikoli citati minnu ma gie miksur. Infatti, ir-rikorrent stess imkien ma huwa jindika r-raguni li ghaliha l-Qorti ghandha titqies li ma kienetx indipendenti u imparzjali;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-intimat u x-xhud prodott mir-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2005;

Ikkonsidrat:

Fl-ewwel lok il-Qorti tghamel referenza ghar-rikors tar-rikorrenti Mario Spagnol tal-31 ta' Jannar 2005, fejn ir-rikorrenti talab li jinghataw ordnijiet provizorji sakhemm tigi deciza din il-kawza tieghu kostituzzjonali. Peress li din il-kawza qed tigi deciza bil-presenti sentenza, mhux il-kaz li f'dan l-istadju tinghata ordni dwar xi "interim measures".

B’dan il-mod il-Qorti qed tiddisponi mill-imsemmi rikors tal-31 ta’ Jannar 2005;

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti jippremetti li flimkien ma ohrajn huwa ghadda proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali in konnessjoni ma imputazzjonijiet konnessi ma ksur ta’ xi regolamenti tal-kacca. Ir-rikorrenti jallega li fil-mori ta’ dawk il-proceduri d-difensur tieghu, l-ufficjal prosekutur u l-magistrat sedenti ddiskutew il-possibilita’ ta’ patteggjament dwar il-piena. Ir-rikorrenti jallega li l-magistrat ha parti attiva f’dawn id-diskussjonijiet, tant li kien l-istess magistrat li ssuggerixxa li f’kaz ta’ ammissjoni da parti tar-rikorrenti, tigi inflitta piena pekunjarja u mhux ta’ prigunerija. Ir-rikorrenti jallega inoltre li sar ftehim f’dan is-sens u kien ghaklhekk li huwa ammetta l-imputazzjoinijiet kollha dedotti kontra tieghu. Is-sentenza relattiva inghatat mill-imsemmija Qorti tal-Magistrati fl-14 ta’ Ottubru 2004 u biha, fost affarijiet ohra, r-rikorrenti gie kkundannat sitt (6) xhur prigunerija. Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza u b’sentenza tas-6 ta’ Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet dan l-appell u ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti;

Ir-rikorrenti jippretendi li huwa gie zvijat bil-mod kif agixxa l-magistrat sedenti. Huwa jippretendi ukoll li fil-konfront tieghu gie lez id-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq minn qorti independenti u imparzjali kif sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostni li s-smiegh tal-kawza tieghu ma’ kienx wiehed xieraq, li huwa gie zvestit mill-presunzzjoni tal-innocenza u li gie negat lilu d-dritt ta’ non-awtoinkolpazzjoni,

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li fil-konfront tieghu sehhet vjolazzjoni tad-dritt ghall-smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali bi ksur tal-artikolu 39(1)(5) u (10) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Qed jitlob ukoll li jinghataw ir-rimedji kollha xierqa u opportuni nkluz li tigi ordnata l-

iskarcerazzjoni immedjata tieghu u li l-imsemmija decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Appell Kriminali jigu dikjarati nulli ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Fir-risposta tieghu l-intimat Avukat Generali ssottometta li r-rikorrent kellu mezzi ohrajn ta' rimedju quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja, u ghalhekk din il-Qorti ghanda tirrifjuta li tittratta din il-kawza. L-intimat issottometta inoltre li r-rikorrenti naqas li jirradika l-aspettattivi tieghu dwar is-sentenzi in kwestjoni f'bazi konkreta u skond il-ligi. Skond l-intimat jekk kien hemm l-allegat ftehim mal-Magistrat dan kien wiehed informali u ghalhekk bla sahha legali. Tali ftehim ukoll setgha jitwettaq biss skond id-diskrezzjoni tal-magistrat billi l-istess magistrat zgur li ma jistax jitqies li kien marbut b'xi kuntratt dwar il-mod kif se jaghti sentenza. L-allegat ftehim zgur li ma jistax jigi inforzat mir-rikorrenti. Konsegwentement m'hemmx dubju li fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti kien konxju li huwa qed jiehu riskju;

Skond l-Avukat Generali kieku l-allegat ftehim gie registrat fl-atti, hemmhekk kien ikun hemm obbligu fuq il-Qorti li tosservah. L-intimat isostni ukoll li d-diskussjoni li svolgiet bejn in-nahat involuti qatt ma giet ifformalizzata f'ezitu konkret permezz tal-verbalizzazzjoni u ghalhekk wiehed ma jistax jassumi li l-imsemmija diskussjoni informali kienet tikkostitwixxi ftehim. L-ammissjoni tar-rikorrenti kienet wahda volontarja u, fi kwalunkwe kaz, l-aspetti kollha ta' fatt u ta' dritt li qed jissolleva r-rikorrenti gew trattati u decizi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Is-smiegh quddiem il-Qorti tal-Appell kien wiehed regolari tant li r-rikorrenti fl-ebda hin ma lmenta dwar l-operat ta' dik il-Qorti li kkonkludiet li s-sentenza in kwistjoni kienet wahda gusta. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha mhux minnu li gew lesi d-drittijiet tar-rikorrenti sanciti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent fl-ebda hin ma indika xi raguni ghala l-Qrati li ddecidew il-kawza tieghu ghandhom jitqiesu li ma kienux indipendenti u imparzjali;

L-Ispettur tal-Pulizija li kien l-ufficjal prosekutur fil-proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati gie prodott biex jixhed f'dawn il-proceduri. Dan ix-xhud ikkonferma li fil-mori ta dawk il-proceduri saret laqgha fis-sigrieta tal-magistrat sedenti u ghal din il-laqgha kien hemm presenti l-istess magistrat, l-ufficjal prosekutur u l-avukat difensur tar-rikorrenti. Giet diskussa l-fedina penali tar-rikorrenti b'mod partikolari l-kundanna precedenti li kien issubixxa r-rikorrenti;

L-ufficjal prosekutur xehed li kif svolgiet id-diskussjoni huwa fehem li l-magistrat kien qed jaqbel li tigi inflitta fil-kaz tar-rikorrenti l-piena pekunjarja. F'dan ir-rigward, pero', x-xhud ma setghax jispecifika kif u ghaliex huwa fehem hekk. Ix-xhud ikkonferma li l-Magistrat fl-ebda hin ma qal specifikament li huwa kien qieghed jaqbel li fil-kaz tar-rikorrenti kellha tigi inflitta piena pekunjarja. Wara li ntemmet din il-laqgha l-kawza giet differita, minnghajr ma sar ebda accenn ghall-imsemmija laqgha fis-sigrieta, u fis-seduta sussegwenti ir-rikorenti ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

F'dawn il-proceduri xehed ukoll l-avukat difensur li deher ghar-rikorrenti fil-proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ix-xhud irrefera ghall-imsemmija laqgha li saret fis-sigrieta tal-magistrat sedenti u kkonferma li ghalih kien car li l-Magistrat kien qed jaqbel dwar il-piena li kellha tigi inflitta fil-konfront tar-rikorrenti. Huwa ma ftakarx li kliem esatt li ntqal. L-avukat difensur qal li ghalih kien hemm "a level of certainty" dwar il-piena li kellha tigi inflitta. In effett meta saret l-ammissjoni ma saret l-ebda trattazzjoni dwar il-piena. Finalment ix-xhud jammetti li jekk kien hemm xi tip ta' ftehim dan kien wiehed informali;

Minn dak li qalu dawn ix-xhieda ma jistax jinghad li jirrizulta li l-magistrat sedenti kien parti f'xi ftehim dwar il-piena li kellha tigi inflitta fir-rigward tar-rikorrenti. Ix-xhud Spettur tal-Pulizija eskluda li l-magistrat b'mod dirett u specifiku ghamel xi dikjazzjoni dwar x'kellha tkun l-eventwali piena. In effett l-imsemmija zewg xhieda, in perfetta buona fede, setghu fehemu hazin meta fehemu li l-magistrat kien qed jaqbel dwar piena pekunjarja. Is-

sentenza li eventwalment wasal ghaliha l-magistrat tindika li zgur li ma kien hemm ebda ftehim u zgur li l-Magistrat ma kienx qed ihossu marbut dwar il-piena li kellha tigi inflitta;

Fi kwalunkwe kaz ghandu jinghad li l-ligi tippermetti biss li jsir patteggjament biss f'zewg cirkostanzi u cioe' fil-bidu ta' guri mal-qari ta' l-att ta' akkuza u quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja meta issir l-prezentata. Generalment il-patteggjament isir billi l-akkuzat u l-prosekuzzjoni jippresentaw nota konguntiva fejn jindikaw li sar patteggjament u li huma qabblu dwar il-piena li tista tinghata f'kaz ta' ammissjoni. Il-Qorti tista taqbel jew le ma dak li l-imsemmijin akkuzat u prosekuzzjoni qabblu fuqu. F'kaz li l-Qorti ma taqbilx dwar dan ghandha tordna li jitkomplew il-proceduri relattivi;

Il-patteggjament mhux kontemplat fir-rigward ta' proceduri bhal dawk in kwestjoni cioe' quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikaura Kriminali. Fi kwalunkwe kaz ukoll il-gudikant m'ghandu qatt ikun parti f'xi ftehim dwar patteggjament;

Hu ovvju ghalhekk li dak kollu li seta sar fil-kaz in esami fis-sigrieta tal-Magistrat, sar b'mod informi u ghalhekk, anki jekk kien hemm ftehim, dan zgur li ma jorbotx. Hu zgur ukoll li Magistrat ma jistax jigi ritenut marbut dwar il-piena li ghandha tinghata f'sentenza. Il-piena li ser tinghata f'sentenza fi proceduri penali ma tista qatt tkun is-suggett ta ftehim jew kuntratt li jorbot il-Qorti u ghalhekk il-piena mhux regolabbli b' kuntratt jew bi ftehim. Fl-opinjoni tal-Qorti r-rikorrenti ma setax ma kienx konsapevoli li dak li gara fis-sigrita sar b'mod informali u ghalhekk kien hemm certu element ta' riskju jew zogru;

Ir-rikorrenti jippretendi ukoll li l-ammissjoni tieghu kienet irregolari. Huwa jghid li ammetta peress li kellu “a level of certainty” dwar x’kellha tkun il-piena. Dan hu argument li ma jistax ireggi f’termini legali. Ammissjoni ma tista qatt tkun kondizzjonata. Legalment ma jreggix li imputat jghid li huwa ammetta biss ghax kien cert dwar x’piena se jiehu u sussegwentement jekk il-piena tkun differenti jghid li l-ammissjoni tieghu kienet irregolari. Barra minn hekk jidher li ir-rikorrenti, volontarjament, ghazel li jammetti u bl-ebda mod ma jirrizulta li huwa gie mgieghel jew sfurzat biex jghamel hekk;

F’dan l-istadju l-Qorti thoss li ghandhom isiru s-segwenti konsiderzzjoni u dana ghar-rigward ta’ dak li gie premess fir-rikors promotur, dak li gie espost fir-risposta tal-intimat u dak li gie sottomess mid-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni orali taghhom.

1) Hu minnu li hafna mill-punti li gew sollevati mir-rikorrenti f’dawn il-proceduri, gew ukoll sollevati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u trattati u decizi minn dik il-Qorti. Hu minnu ukoll pero’ li l-imsemmi appell itratta principalment dwar il-piena li giet inflitta mill-ewwel qorti, filwaqt li f’dawn il-proceduri din il-Qorti qed tesamina l-allegazzjoni tar-rikorrenti li fil-konfront tieghu gew lesi d-drittijiet fundamentali tieghu. Dawn il-proceduri jinvolvu indagni differenti minn dik li ghamlet l-imsemmija Qorti tal-Appell. Lanqas ma jista jinghad li dawn il-proceduri qed iservu ta’ appell ulterjuri;

2) Ir-rikorrenti jippretendi li meta saret il-laqgha fis-sigrita tal-magistrat l-istess Magistrat ma baqax imparzjali u ghalhekk ma kienx assigurat aktar li l-imputat kien se jinghata smiegh xieraq. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jissottometti li f’dak l-istadju l-Magistrat ikkumenta b’mod

car dwar il-htija tieghu u ghalhekk ir-rikorrenti ma nghatax l-opportunita' li jiddefendu ruhhu. Din is-sottomissjoni ma tista qatt tigi akkolta peress li mhux ibbasata fuq fatti li jirrizultaw. In effett ma jirrizulta minn imkien li l-magistrat sedenti b'xi mod esprima ruhu dwar il-htija tal-imputat;

3) Ir-rikorrenti qed jitlob li, apparti s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, tigi annullata ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. In effett din hi s-sentenza definittiva fil-konfront tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti pero' ma ghamel ebda ilment jew lanjanza dwar din is-sentenza jew dwar il-proceduri li sehhew quddiem l-istess Qorti ta' revizjoni. Ir-rikorrenti ma allega l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghar-rigward ta' din is-sentenza. Ghalhekk, f'dan ir-rigward ma jista qatt jirrizulta xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

4) Fl-imsemmija sentenza tas-6 ta' Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell Kriminali esaminat funditus l-istituzzjoni tal-patteggjament u zgur li ma hemm xejn x'wiehed izid. Jekk dahlet il-prattika li l-piena tigi patteggjata fis-sigriet tal-magistrat fil-presenza tal-magistrat, din hi prattika perikoluza, irregolari u m'ghandix issir. L-ordinament guridiku tghana, almenu sa issa, jirrikjedi li l-kawzi kollha ghandhom jigu kondotti bl-aktar mod trasparenti, fid-deher ta' kullhadd, b'mod partikolari tal-partijiet u tal-akkuzat u skond il-ligi;

Fid-dawl ta' dan kollu zgur li ma jirrizultax li fil-proceduri penali in kwestjoni kien hemm xi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti b'md partikolari dawk sanciti bl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------